



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.11.2013
COM(2013) 812 final

2013/0398 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq
intern u fil-pajjiżi terzi**

{SWD(2013) 469 final}

{SWD(2013) 470 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-produzzjoni u l-kummerċ tal-prodotti agrikoli u agroalimentari jikkostitwixxu ass importanti għall-Unjoni Ewropea. B'madwar 18 % tal-esportazzjonijiet u b'20 % tal-importazzjonijiet globali, l-Unjoni tista' ssostni li qiegħda fl-istess livell mal-Istati Uniti, fl-ewwel post bħala importatur u esportatur tal-prodotti agrikoli. Is-settur agroalimentari jinsab fuq quddiem nett fl-industrija Ewropea tal-manifattura; dan jirrappreżenta 13,5 % tal-impjiegi u jikkontribwixxi għal 12,9 % tal-bejgħ totali. Din l-industrija hija magħmula minn 310 000 intrapriża li minnhom 99,1 % huma intrapriżi żgħar u medji¹. Matul is-snin, is-settur Ewropew beda jiffoka fuq il-kwalità u fuq il-valur miżjud tal-prodotti pproċessati li qed jiġu apprezzati dejjem aktar mhux biss fl-Ewropa, iżda wkoll madwar id-dinja. Dawn il-prodotti jirrappreżentaw aktar minn żewġ terzi fil-valur tal-esportazzjonijiet agrikoli totali tal-UE, b'potenzjal ta' żvilupp saħansitra aktar konsiderevoli.

Huwa essenzjali li l-agrikoltura Ewropea u l-industrija agroalimentari, li tiddependi ħafna fuqha, jippreservaw u jżidu l-kompetittività u l-ishma tagħhom fis-suq, kemm fis-suq intern kif ukoll fis-suq tal-esportazzjoni, sabiex jitħarsu l-impenji meħuda mill-UE fil-qafas tar-relazzjonijiet kummerċjali internazzjonali tagħha. Madankollu l-agrikoltura Ewropea llum qed taffronta ambjent ħafna aktar kompetittiv l-aktar minħabba l-globalizzazzjoni tas-swieq. Din ix-xejra għandha tkompli fis-snin li ġejjin u għandha tintemm fiċ-ċiklu ta' Doha u fi ftehimiet bilaterali u reġjonali li qed jiġu nnegożjati attwalment. Ta' sikwit mhux mixtieqa, dawn il-ftehimiet jistgħu jissarfukoll f'opportunitajiet kbar għal dan is-settur.

Madankollu, fis-suq intern, minorità żgħira biss ta' konsumaturi Ewropej huma konxji dwar l-isforzi mwettqa mill-agrikolturi Ewropej biex jipprovdu produzzjoni ta' kwalità tajba, li hija tajba għas-saħħa u bla riskju. Huma 14 % biss tal-Ewropej li jirrikonoxxu l-lowgos tal-prodotti li jibbenefikaw minn denominazzjoni protetta tal-orġini (DPO) jew minn indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP), l-iskemi Ewropej tal-kwalità ewlenin stabbiliti mill-Unjoni. Bl-istess mod, l-isforz tal-investment fir-reklamar u fil-kummerċjalizzazzjoni fi swieq imbiegħda jirrappreżenta sfida għal settur magħmul l-aktar minn intrapriżi żgħar u medji, u saħansitra mikrointrapriżi.

Din il-qagħda ċertament tikkostitwixxi sfida għall-agrikolturi Ewropej, iżda tiftaħ ukoll perspettivi li jkun jaqbel li jissegwew b'mod effikaċi, notevolment permezz tal-istrumenti tal-Politika Agrikola Komuni. Dan minħabba li s-suċċess tas-settur agrikolu Ewropew se jiddependi minn kemm ikun kapaċi jkabbar is-sehem tiegħu fis-suq u minn kemm dan is-settur ferm kompetittiv tal-industrija alimentari ikun jista' jżomm il-pożizzjoni prominenti tiegħu fl-UE mil-lat ekonomiku u kummerċjali.

Dan il-kuntest jeħtieġ politika ta' promozzjoni li tkun moderna u ambizzjuża, u li jittieħdu t-tagħlimiet tal-programmi ta' promozzjoni li ġew implimentati sal-lum u jikkostitwixxi stadju ieħor fil-modernizzazzjoni tal-politika agrikola komuni. L-għan huwa l-appoġġ tas-settur agrikolu, u prinċipalment l-intrapriżi żgħar u medji u l-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jikkostitwixxu l-pilastru ta' dan is-settur, sabiex ikunu jistgħu jagħtu kontribut qawwi u

¹ Sors: Rapport annwali tal-IAAC għall-2010

dinamiku għat-tkabbir ekonomiku lill-Unjoni kollha kemm hi u l-aktar liż-żoni rurali. Dan jeħtieġ politika ta' promozzjoni ristrutturata għall-benefiċjarji tiegħu (l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, dawk professjonali u interprofessjonali, nazzjonali jew Ewropej), b'miżuri addizzjonali, u li tintegra approċċi ċari kemm għas-suq intern kif ukoll għall-pajjiżi terzi.

L-iffinanzjar ta' din il-proposta, li tippredvi żieda gradwali iżda sinifikanti fil-baġit allokati għall-azzjonijiet ta' promozzjoni, se jsir fil-qafas tal-ammonti previsti għall-Politika Agrikola Komuni tal-UE għall-perjodu 2014 sal-2020. Din in-nefqa hija stmata fuq il-bażi tal-opportunitajiet li għandhom jiġu sfruttati fil-pajjiżi terzi minħabba d-domanda li qed tikber, pereżempju fl-Asja fejn sal-2050, għall-pajjiżi membri tal-ASEAN² biss, l-importazzjonijiet agrikoli huma mistennija li jiżiedu b'aktar minn 17-il biljun dollaru³.

Flimkien mad-domanda li qed tikber tas-swieq emerġenti b'mod partikolari, billi dawn huma diġà importanti ħafna għall-esportazzjonijiet agroalimentari tal-UE, l-aċċess għas-swieq se jittejjeb fil-livell globali bis-saħħa tal-konklużjoni tal-bosta negozjati kummerċjali li jinsabu għaddejnin bħalissa. Il-ftehimiet tal-kummerċ ħieles li qed jiġu n-negozjati attwalment jirrappreżentaw swieq b'valur attwali ta' madwar EUR 35 biljun fis-sena għas-settur agroalimentari Ewropew. Iż-żieda fid-domanda u l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ tal-kummerċ sostanzjali kollu permezz ta' dawn in-negozjati probabbilment se jwasslu għal żieda sostanzjali f'din iċ-ċifra. Pereżempju, sal-2027 ftehim ambizzjuż dwar il-kummerċ ħieles mal-Istati Uniti jista' jżid l-esportazzjonijiet agrikoli tal-UE b'madwar 15 % (aktar minn EUR 1,7 biljun fis-sena) u dawk ta' prodotti agrikoli pproċessati b'45 % (aktar minn EUR 13,4 biljun fis-sena)⁴. Fir-rigward tal-Ġappun f'każ ta' ftehim ambizzjuż dwar il-kummerċ ħieles l-esportazzjonijiet agroalimentari jkunu jiżiedu b'137 % fuq perjodu ta' żmien twil (aktar minn EUR 5,9 biljun fis-sena)⁵.

Dan għalhekk jikkonstitwixxi opportunità strateġika u fundamentali għas-settur agroalimentari Ewropew li, minħabba l-importanza tal-Intrapriżi Żgħir u Medji Ewropej f'dan is-settur, għandha tiġi sfruttata bis-saħħa ta' politika ambizzjuża u innovattiva. Dawn l-intrapriżi jeħtieġu l-appoġġ, l-għarfien espert u l-inkoraġġiment biex jieħdu vantaġġ minn din l-opportunità kbira. Dan jeħtieġ politika pubblika fuq firxa wiesgħa li tkun tista' tilqa' l-isfida ta' din l-opportunità. L-ammonti inklużi f'din il-proposta se jiffaċilitaw l-istabbiliment ta' din il-politika b'mod kredibbli fis-snin li ġejjin.

Kuntest ġenerali

Il-politika agrikola komuni (PAK) tgħin biex jinħeles u jiġi sfruttat il-potenzjal tas-settur agrikolu u agroalimentari Ewropew. Bħalissa għaddej proċess ta' riforma li se jiżgura, b'seħħ mill-2013, li din il-politika tikkontribwixxi bis-sħiħ għall-Istrateġija Ewropea 2020 għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, billi tippromwovi settur tal-agrikoltura li jkun kapaċi jwassal is-sigurtà tal-ikel, l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u d-dinamiżmu liż-żoni

² L-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja.

³ Ir-rapport "What Asia wants Long-term food consumption trends in Asia" Australian Bureau of Agricultural and Resource Economics and Sciences, October 2013.

⁴ Sors: Centre for Economic Policy Research (2013): Reducing Transatlantic Barriers to Trade and Investment – An Economic Assessment (imhejji għad-DG TRADE), London.

⁵ Sors: Copenhagen Economics (2010): Assessment of Barriers to Trade and Investment between the EU and Japan (final report to DG TRADE).

rurali. B' mod parallel, jeħtieġ li tiġi riformata l-politika ta' informazzjoni u ta' promozzjoni dwar il-prodotti agrikoli li hija waħda mill-istrumenti tal-PAK.

Bħala għodda tal-politika agrikola komuni (PAK) tal-UE, il-politika Ewropea tal-promozzjoni tal-prodotti agrikoli għandha ssegwi l-għanijiet tar-riforma tal-PAK għall-programm Orizzont 2020 u prinċipalment, l-għan tat-tisħiħ tal-kompetittività tal-agrikoltura Ewropea kemm fis-suq intern kif ukoll fil-pajjiżi terzi, billi timmira għal dawn l-għanijiet speċifiċi:

- Żieda fil-livell tal-għarfien tal-konsumaturi dwar il-vantaġġi tal-prodotti agrikoli Ewropej;
- Żvilupp u ftuħ ta' swieq ġodda għall-prodotti agrikoli Ewropej fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi.
- Titjib fl-effikaċja u fl-effiċjenza tal-politika.

Fil-qafas tal-PAK, l-appoġġ tal-Unjoni relatat mal-informazzjoni u l-promozzjoni tal-prodotti agrikoli ġie żviluppjat. Qabel l-2000, l-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni kienu previsti fil-livell settorjali. Fl-2000, il-miżuri settorjali nqas fi skema orizzontali. Mill-2000 sal-2007, dawn l-attivitajiet kienu rregolati minn żewġ Regolamenti separati, wieħed li jikkonċerna s-suq intern u l-ieħor immirat għall-pajjiżi terzi⁶. Mill-2008, ingħaqdu ż-żewġ approċċi fi skema orizzontali uniku (Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru^o3/2008⁷ u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru^o501/2008⁸) mingħajr emenda sinifikanti f'termini ta' kontenut.

Għanijiet tal-proposta

Din il-proposta għandha l-għan li tiffaċilita r-realizzazzjoni ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi, li huma neċessarji għas-settur agrikolu sabiex jingħelbu l-ħafna sfidi li qed jiffaċċja f'kuntest ta' kompetizzjoni li qed tikber u tal-ftuħ tas-swieq. Is-suċċess tal-agrikoltura Ewropea se jiddependi mill-ħila tagħha li tkabbar is-sehem tagħha fis-suq u billi s-settur ferm kompetittiv tal-industrija alimentari (il-katina alimentari tirrappreżenta 6 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-Unjoni) ikun jista' jżomm pożizzjoni importanti fi ħdan l-ekonomija u l-kummerċ tal-Unjoni.

L-azzjonijiet se jsegwu strateġija Ewropea ta' informazzjoni u ta' promozzjoni li tistabbilixxi prijoritajiet għas-swieq u għall-prodotti jew għall-messaġġi li għandhom jiġu enfasizzati (pereżempju prodotti b'valur miżjud għoli), filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni n-negozjati tal-ftehim tal-kummerċ ħieles, is-swieq l-aktar importanti, u b'hekk jiġu evitati t-tifrix u l-frammentazzjoni tal-mezzi. Din il-proposta mistennija li twassal għal ibbilanċjar mill-ġdid tal-azzjonijiet mmirati għall-pajjiżi terzi.

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2826/2000 tad-19 ta' Diċembru 2000 dwar l-azzjonijiet ta' taġġir u ta' promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern (ĠU L 328, 23.12.2000, p. 2) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru^o2702/1999 tal-14 ta' Diċembru 1999 dwar miżuri sabiex jipprovdu t-taġġir fuq, u jippromwovu, il-prodotti agrikoli f'pajjiżi terzi (ĠU L 327, 21.12.1999, p. 7).

⁷ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi (ĠU L 3, 5.1.2008, p. 1).

⁸ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 501/2008 tal-5 ta' Ġunju 2008 dwar termini u kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 rigward azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi (ĠU L 147, 6.6.2008, p. 3).

Sabiex jiżded l-għadd ta' azzjonijiet u l-kwalità tagħhom, f'koerenza mar-riforma tal-PAK 2020 li tinkoraġġixxi lill-agrikolturi biex jistrutturaw, ikun jaqbel li l-isekma tinftaħ għal benefiċjarji ġodda bħal daww tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi.

Bl-istess mod ikun jaqbel ukoll li nfitxu niksbu l-aħjar ritorn fuq l-investment għal dawn l-azzjonijiet u li nipprevedu regolazzjoni stretta tar-referenzi possibbli għall-oriġini tal-prodotti jew għall-marki kummerċjali bil-għan tal-promozzjoni tal-messaġġ prinċipali ġeneriku billi jiġu enfasizzati l-karatteristiċi intrinziċi tal-prodotti agrikoli Ewropej.

Il-programmi sottometti minn operaturi tal-Istati Membri differenti jikkontribwixxu sostanzjalment għall-valur miżjud Ewropew; dawn jivvalorizzaw id-diversità tal-prodotti agrikoli Ewropej u se jiġu mħeġġa fil-qafas tar-riforma.

L-inizjattivi tal-Kummissjoni bħaż-żjarat kummerċjali ta' livell għoli jew il-partiċipazzjonijiet fil-fieri ta' importanza internazzjonali jiffaċilitaw il-ftuħ ta' swieq ġodda għall-prodotti agrikoli Ewropej.

Il-proposta tipprevedi l-iżvilupp ta' servizzi ġodda ta' appoġġ tekniku għall-partijiet involuti li jiffavorixxu l-iskambju tal-informazzjoni dwar l-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni jew ta' prattiki tajbin, u li jippermetti l-iżvilupp tal-għarfien espert tagħhom.

Il-proposta hija mmirata biex tissemplifika l-ġestjoni tal-politika ta' informazzjoni u ta' promozzjoni. Din tipproponi li l-Kummissjoni tkun aktar attiva fil-ġestjoni tal-programmi tal-pajjiżi multipli biex tiffaċilita l-ħolqien u l-implimentazzjoni tagħhom. Ir-rwoli rispettivi tal-Istat Membru u tal-Kummissjoni fil-monitoraġġ u fil-kontroll tal-azzjonijiet iridu jiġu ċċarati sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni u d-dewmien fil-proċeduri. Qed tiġi proposta għażla fil-livell tal-Kummissjoni biss.

Fl-aħħar, valutazzjoni sistematika tal-impatt se ssegwi kull azzjoni sabiex jiġi kkonfermat li għanijiet previsti ntlaħqu b'mod tajjeb. Qafas ta' evalwazzjoni se jiġi implimentat bil-għan li titkejjel il-prestazzjoni tal-politika ta' promozzjoni bl-għajnuna ta' sett ta' indikaturi komuni marbuta mal-għanijiet strateġiċi tagħha, f'konformita mal-qafas komuni ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-PAK.

Valur miżjud tal-UE

Il-politika agrikola hija politika Ewropea. Minflok 28 politika agrikola, l-Istati Membri jiġbru flimkien ir-riżorsi tagħhom biex iħaddmu politika Ewropea b'baġit komuni. L-agrikolturi hija l-uniku settur immexxi minn politika komuni u li fiha regoli komuni, inklużi daww marbuta mal-promozzjoni, huma previsti fit-Trattat. Ir-riforma għaddejja tal-PAK għandha tħalli l-effett tagħha fl-għodda kollha ta' din il-politika.

B'mod partikolari, f'suq uniku, azzjoni fil-livell tal-UE se jkollha effett ta' ingranaġġ importanti biex (a) tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' programmi ta' informazzjoni ġenerika, li minħabba n-natura tagħhom fut li xejn jiġu esegwiti mill-Istati Membri jew mill-intrapriżi u attwalment saħansitra anqas fil-kuntest tal-kriżi ekonomika, u (b) jiġu implimentati programmi tal-pajjiżi multipli li jikkostitwixxu sors għall-iskambju tal-esperjenzi bejn l-Istati Membri u l-ekonomiji ta' skala.

2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Il-partijiet interessati ġew ikkonsultati b'mod estensiv. Green Paper li ġie mniedi mill-Kummissjoni fl-14 ta' Lulju 2011 fetaħ dibattitu li r-riżultati tiegħu tħabbru waqt Konferenza dwar il-promozzjoni organizzata mill-Presidenza Polakka tal-Unjoni Ewropea f'Novembru 2011. Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar il-Green Paper waqt il-laqgħa ta' Diċembru 2011. Fl-20 ta' Novembru 2012 il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' Komunikazzjoni dwar is-suġġett. Bl-istess mod saru konsultazzjonijiet fil-qafas tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-promozzjoni u fi grupp ta' esperti dwar is-simplifikazzjoni tal-PAK waqt il-laqgħat li saru f'Marzu 2012.

Evalwazzjoni tal-iskema attwali

F'Jannar 2012 ġiet ippubblikata evalwazzjoni mitluba mill-Kummissjoni Ewropea u li kienet ġiet implimentata minn konsulent estern. L-evalwazzjoni pprovdiet analiżi globali u indipendenti tal-iskema attwali. Din eżaminat il-pertinenza u l-effikaċja tal-politika ta' informazzjoni u ta' promozzjoni tal-UE għall-prodotti agrikoli Ewropej b'rabta mal-għanijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 kif ukoll il-koerenza tagħha ma' miżuri oħra ta' promozzjoni realizzati fil-qafas tal-PAK. Il-perjodu ta' analiżi jkopri s-snin 2002 sa 2010.

Valutazzjoni tal-impatt

Abbażi tal-evalwazzjoni tal-qafas ta' politika attwali u ta' analiżi tal-isfidi u l-ħtiġijiet tal-futur, il-valutazzjoni tal-impatt tevalwa u tqabbel l-impatt ta' tliet xenarji alternattivi. Dawn ix-xenarji ta' riforma ġew żviluppatti skont tliet fatturi distinti li ħarġu mid-dibattitu pubbliku u mill-pożizzjonijiet adottati mill-partijiet interessati varji, jiġifieri: is-suq (swieq) fil-mira, l-eżistenza jew le ta' strateġija Ewropea ta' promozzjoni, u fl-aħħar nett ir-regoli dwar il-marki kummerċjali privati u dwar l-oriġini tal-prodotti. Ġew ifformulati tliet xenarji biex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet:

- Ix-xenarju tal-“istatus quo imtejjeb” jinvolve l-adatament limitat tal-politika ta' promozzjoni. Dan jirrikonoxxi l-valur miżjud tal-politika ta' promozzjoni u jfittex biex jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet identifikati bil-għan li l-politika tiġi ssimplifikata u jagħmilha aktar aċċessibbli, li jippermetti lill-benefiċjarji jieħdu l-aħjar li jistgħu mill-għodod offruti, u li dawn jiġu msaħħa minn appoġġ tekniku adegwat.
- Ix-xenarju “immirat”, minbarra l-arranġamenti offruti mill-istatus quo imtejjeb, joffri mmirar aħjar tal-azzjonijiet ta' promozzjoni fis-swieq interni u esterni permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija. Dan jiffavorixxi wkoll il-kollaborazzjoni bejn l-operaturi ta' Stati Membri differenti (permezz (tal-programmi tal-pajjiżi multipli ġestiti b'mod dirett). Barra minn hekk l-istrateġija tippermetti wkoll li jkunu estenzi l-prodotti u t-temi eliġibbli skont l-iskema ta' promozzjoni. Fl-aħħar nett dan ix-xenarju jipproponi l-użu aħjar tal-indikazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti u tal-marki kummerċjali (pereżempju: marki “ta' riklamar”).
- Ix-xenarju “esklussivament għall-pajjiżi terzi” jaqsam l-istess livell ta' ambizzjoni ta' prestazzjoni bħax-xenarju “mmirat” iżda jikkonċentra biss fuq il-pajjiżi terzi, fejn l-azzjonijiet ta' promozzjoni huma ġestiti direttament mill-Kummissjoni, f'konformità ma' strateġija ta'

għażla. It-titjib propost mix-xenarju tal-istatus quo imtejjeb jiddaħħlu wkoll f'dan ix-xenarju. Barra minn hekk, lil hinn mill-promozzjoni ġenerika, l-azzjonijiet kummerċjali għall-marki individwali privati jkunu eliġibbli wkoll għall-iskema u jistgħu jkollhom lista estiża ta' prodotti u temi eliġibbli.

Filwaqt li x-xenarju tal-*istatus quo* imtejjeb jidher li ma jimmirax suffiċjentement l-azzjonijiet b'valur miżjud għoli għall-Unjoni Ewropea, u x-xenarju esklussiv għall-pajjiżi terzi jidher wisq ta' riskju minħabba l-livell baxx ta' għarfien dwar il-prodotti agrikoli fl-Ewropa, skont il-valutazzjonijiet tal-impatt ix-"xenarju mmirat" joħroġ bħala l-aktar xenarju bilanċjat għall-finijiet tad-definizzjoni ta' qafas ta' skema ta' promozzjoni li tkun aktar immirata lejn il-ħtiġijiet tat-tkabbir ekonomiku tas-settur u tas-swieq agrikoli iżda li, fl-istess ħin itejjeb il-livell ta' għarfien fost il-konsumaturi Ewropej li huma affrontati minn għażla dejjem tiżdied ta' prodotti.

3. ĠESTJONI TAL-ISKEMA

L-iskema hija attwalment immexxija fuq il-bażi ta' ġestjoni kondiviża (nefqa prinċipali marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi) u ta' ġestjoni diretta (azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni). Ir-Regolament attwali għandu jwassal għal żieda sinfikanti fl-għadd ta' azzjonijiet implimentati u għalhekk għal żieda fin-nefqa soġġetta kemm għall-ġestjoni kondiviża kif ukoll għall-ġestjoni diretta, b'żieda konsiderevoli fis-sehem ta' azzjonijiet ġestiti b'mod dirett wara xift lejn dan it-tip ta' ġestjoni għall-programmi tal-pajjiżi multipli bil-għan li titħeġġeġ l-implimentazzjoni tagħhom.

Fuq il-bażi ta' analiżi tal-kost/tal-effiċjenza, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi tiddelega l-ġestjoni tal-programmi bis-sħiħ jew parzjalment lil aġenzija eżekuttiva, soġġett għall-konformità mal-Artikolu 62 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹. Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Baġit għall-Ewropea 2020"¹⁰, il-Kummissjoni pproponiet li tisfrutta l-possibbiltà li jsir aktar użu mill-aġenziji eżekuttivi eżistenti.

F'dan l-isfond u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003¹¹ u mal-Artikolu 6(g) tar-Regolament (UE) Nru xxx/xxxx dwar il-finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-PAK¹² [Ir-Regolament orizzontali tal-PAK], il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li testernalizza ċerti kompiti marbuta mal-ġestjoni diretta tal-programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni, l-aktar għall-programmi ta' pajjiżi multipli, u mal-evalwazzjoni tal-proposti ta' programmi sempliċi, lil aġenzija eżekuttiva eżistenti, bil-għan li tipprovdi servizz ta' kwalità aħjar u li tissaħħaħ il-viżibbiltà tal-UE fl-azzjonijiet tagħha ta' informazzjoni u ta' promozzjoni tal-prodotti agrikoli.

⁹ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

¹⁰ COM(2011)500 (il-punt 6.1.3).

¹¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

¹² Ir-Regolament (UE) Nru ..., ĠU...

4. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Bażi legali

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikoli 42 u 43 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità

- Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-politika ta' promozzjoni u ta' informazzjoni tal-UE tissupplimenta u ttrinforza b'mod utli l-iskemi mmexxjin mill-Istati Membri billi tagħti spinta lid-dehra tal-prodotti f'għajnejn il-konsumaturi fl-UE u f'pajjiżi terzi, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwalità, il-valur ta' nutrizzjoni u s-sikurezza fl-oġġetti tal-ikel u l-metodi tal-produzzjoni. Meta tgħin biex jinfetħu swieq ġodda f'pajjiżi terzi, azzjoni bħal din aktarx li jkollha effett multiplikatur fuq inizjattivi nazzjonali u privati.

Il-proposta taqa' taħt kompetenza kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri u hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Minħabba li l-liberalizzazzjoni fil-kummerċ qed tiżdied, inkluż il-kummerċ fi prodotti agrikoli u tal-ikel, l-iskambju fil-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi jsir aktar u aktar importanti. F'kuntast bħal dan u meta wieħed iqis l-orjentazzjoni mis-suq tal-PAK, ir-regolament dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għal prodotti agrikoli fis-suq intern u f'pajjiżi terzi huwa, għalhekk, strument kruċjali li huwa konsistenti mal-qafas il-ġdid tal-Ftehim tad-WTO dwar l-agrikoltura.

Naturalment huwa wkoll dmir tal-UE li tippromwovi l-istandards ta' kwalità għolja ta' prodotti agrikoli tal-UE u li tinkoraġġixxi programmi promozzjonali konġunti li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed tal-UE jew aktar minn settur agrikolu wieħed.

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità:

5. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Rigward il-qagħda attwali, il-proposta tipprevedi żieda gradwali iżda sinifikanti fil-baġit allokat għall-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni favur il-prodotti agrikoli (minn EUR 61,5 miljun fil-baġit tal-2013 għal EUR 200 miljun fl-2020). Id-dejta dettaljata dwar l-implikazzjoni finanzjarja tal-proposta tidher fid-dikjarazzjoni finanzjarja.

Il-proposta dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-2014-2020 tinkludi għall-ewwel pilastru tal-PAK l-ammonti tal-pagamenti diretti u tal-infiq marbuta mal-miżuri tas-suq. Bħala miżura ta' prekawzjoni, il-Kummissjoni qieset il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-8 ta' Frar 2013, dwar il-qafas finanzjarju pluriennali. Soġġett għall-adozzjoni tar-Regolament dwar il-qafas finanzjarju pluriennali, l-iffinanzjar ta' miżuri ta' informazzjoni u ta' promozzjoni se jsir fil-limitu tal-ammonti miftiehma mill-Kunsill Ewropew.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikoli 42 u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹³,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni¹⁴,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru^o3/2008¹⁵, l-Unjoni tista' timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi għall-prodotti agrikoli u l-metodu tal-produzzjoni tagħhom, kif ukoll għal ċerti prodotti alimentari bbażati fuq prodotti agrikoli.
- (2) L-għan ta' dawn l-azzjonijiet huwa li tissaħħaħ il-kompetittività tal-agrikoltura Ewropea, kemm fis-suq intern kif ukoll fil-pajjiżi terzi, billi jiżdied il-livell tal-għarfien tal-konsumaturi dwar il-merti tal-prodotti agrikoli u tal-prodotti alimentari bbażati fuq il-prodotti agrikoli tal-Unjoni kif ukoll billi jinfetħu u jiġu żviluppati swieq ġodda. Dawn jikkomplementaw u jsaħħu b' mod utli l-azzjonijiet mmexxija mill-Istati Membri.
- (3) Meta wieħed iqis mil-lat tal-esperjenza miksuba, u mil-lat l-ieħor il-perspettivi tal-evoluzzjoni tas-settur agrikolu u tas-suq intern kif ukoll estern tal-Unjoni, hemm lok għar-reviżjoni tal-iskema stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 3/2008 biex dan ikun

¹³ ĠU C , , p. .

¹⁴ ĠU C , p. .

¹⁵ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi (ĠU L 3, 5.1.2008, p. 1).

aktar effikaċi u koerenti. Huwa xieraq għalhekk li jitħassar ir-Regolament (KE) Nru 3/2008 u li jinbidel b'wieħed għdid.

- (4) Fir-rigward tar-regoli tal-kompetizzjoni, l-azzjonijiet immirati għas-suq intern għandhom ikunu limitati għal azzjonijiet ta' informazzjoni dwar il-partikolaritajiet tal-metodi tal-produzzjoni agrikola tal-Unjoni jew dwar it-temi li huma ta' interess għall-Unjoni bħall-iskemi Ewropej tal-kwalità stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru°1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶.
- (5) Huma meħtieġa wkoll azzjonijiet li jtejbu l-awtentiċità tal-prodotti tal-Unjoni sabiex jissaħħaħ l-għarfien tal-konsumaturi dwar il-kwalitajiet ta' prodotti ġenwini meta mqabbla ma' imitazzjonijiet u prodotti foloz; dan se jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-għarfien fl-Unjoni kif ukoll fil-pajjiżi terzi dwar is-simboli, l-indikazzjonijiet u l-abbrevjazzjonijiet li jixhdu l-parteċipazzjoni fl-iskemi Ewropej tal-kwalità stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru°1151/2012.
- (6) L-Unjoni prinċipalment tesporta prodotti agrikoli finali, inklużi prodotti agrikoli mhux elenkati fl-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat"). Għalhekk l-iskema ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għandha tinfetaħ għal ċerti prodotti alimentari bbażati fuq prodotti agrikoli, b'koerenza mal-iskemi l-oħra tal-politika agrikola komuni ("PAK") bħall-iskemi Ewropej tal-kwalità, li diġà jipprovdu mekkaniżmi li huma miftuħa għal dawn il-prodotti.
- (7) L-informazzjoni u l-promozzjoni tal-inbejjed tal-Unjoni hija waħda mill-miżuri ewlenin tal-programmi ta' għajnuna fis-settur tal-inbid previsti fil-PAK. Konsegwentement, l-eliġibbiltà ta' nbid għal azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni previsti skont din l-iskema għandha tkun limitata biss għal inbid li huwa assoċjat ma' ieħor agrikolu jew prodott tal-ikel.
- (8) Għall-perjodu 2001-2011, bilkemm 30 % tal-baġit allokat għall-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 3/2008 intefaq fuq misuri għall-pajjiżi terzi, meta dawn is-swieq joffru potenzjal kbir għat-ktabbir. Għalhekk huma meħtieġa arranġamenti speċifiċi sabiex jitħeġġu, bil-għan li jintlaħaq 75 % tan-nefqa stmata, għadd akbar ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni favur il-prodotti agrikoli tal-Unjoni fil-pajjiżi terzi, l-aktar permezz ta' aktar appoġġ finanzjarju.
- (9) Biex jiġi ggarantit l-impatt tal-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni implimentati, dawn għandhom jiġu żviluppati fil-kuntest ta' programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni. Programmi bħal dawn s'issa ġew sottomessi minn organizzazzjonijiet professjonali jew interprofessjonali. Sabiex jiżied in-numru u sabiex tittejjeb il-kwalità tal-azzjonijiet proposti, il-firxa ta' beneficijarji għandha titwessa' biex tinkludi organizzazzjonijiet tal-produtturi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tissupplimenta l-programmi billi timplimenta l-azzjonijiet fuq l-inizjattiva tagħha stess, partikolarment biex dan jikkontribwixxi għall-ftuħ ta' swieq ġodda.

¹⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi ta' kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, 14.12.12, p. 1).

- (10) L-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni kkofinanzjati mill-Unjoni għandhom jagħtu dimensjoni Ewropea speċifika. Għal dan il-għan, u sabiex ikun evitat sparpaljar ta' riżorsi u sabiex tizzied il-viżibbiltà tal-Ewropa permezz ta' dawn l-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għal prodotti agrikoli, jeħtieġ li jiġi stabbilit programm ta' ħidma li jiddefinixxi l-prijoritajiet strateġiċi għal dawn l-azzjonijiet f'termini ta' popolazzjonijiet, ta' prodotti, ta' temi jew ta' swieq fil-mira kif ukoll il-karatteristiċi tal-messaġġi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni. B'mod partikolari l-Kummissjoni se tqis il-pożizzjoni predominanti tal-intrapriżi żgħar u medji fis-settur agroalimentari, tas-setturi li jibbenefikaw minn miżuri eċċezzjonali previsti fl-Artikoli 154, 155 u 156 tar-Regolament (UE) XXX/20... [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-... li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (ir-Regolament dwar l-OKS Unika) (COM(2011)626)] u tal-ftehimiet tal-kummerċ ħieles fil-qafas tal-politika kummerċjali tal-Unjoni Ewropea għall-azzjonijiet immirati għall-pajjiżi terzi.
- (11) Sabiex jiġi żgurat li azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni huma implimentati b'mod effettiv, dawn għandhom jiġu fdati lil korpi ta' implimentazzjoni magħżula kif xieraq.
- (12) Lil hinn mil-limiti tal-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni, jeħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa u tikkoordina servizzi ta' appoġġ tekniku fil-livell Ewropew bil-għan li tgħin lill-operaturi jieħdu sehem fi programmi kofinanzjati, biex iwettqu kampanji effiċjenti jew biex jiżviluppaw l-attivitajiet tal-esportazzjoni tagħhom.
- (13) L-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għal prodotti agrikoli li huma kkofinanzjati mill-Unjoni ma għandhomx ikunu orjentati lejn marki kummerċjali u lanqas lejn l-oriġini speċifika tagħhom. Madankollu, ir-referenza għal marki jew għall-oriġini jista' jkollha effett ta' ingranaġġ fil-kuntest ta' azzjonijiet ta' promozzjoni, b'mod partikolari fil-pajjiżi terzi. Filwaqt li jiġu rispettati kundizzjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu stabbiliti, b'mod partikolari d-drittijiet mal-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, għandu għalhekk ikun possibbli li jagħti viżibilità akbar lill-marki u l-oriġini u, fl-istess ħin, iżżomm bilanċ tajjeb mal-prominenza ta' messaġġi ġeneriċi iffokati fuq is-sistema tal-karatteristiċi intrinsiċi tal-Unjoni dwar prodotti agrikoli u prodotti tal-ikel ibbażati fuq prodotti agrikoli.
- (14) L-Unjoni hija ħerqana li tissemplifika l-ambjent regolatorju tal-PAK. Dan l-approċċ għandu jiġi applikat ukoll għar-Regolament dwar għoti ta' informazzjoni u miżuri ta' promozzjoni għal prodotti agrikoli. B'mod partikolari, il-prinċipji ta' tmexxija amministrattiva tal-programmi ta' informazzjoni u promozzjoni għandhom jiġu riveduti bil-għan li jiġu semplifikati u li jippermettu lill-Kummissjoni tistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri li japplikaw il-preżentazzjoni u l-għażla ta' proposti għal programmi.
- (15) Il-kooperazzjoni bejn atturi ekonomiċi ta' Stati Membri differenti tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-valur miżjud Ewropew u għall-viżibbiltà akbar tad-diversità tal-prodotti agrikoli. Minkejja l-prijorità mogħtija lil programmi li ġew żviluppati b'mod konġunt bejn l-organizzazzjonijiet proponenti fi Stati Membri differenti, fil-perjodu 2001-11 dawn tal-aħħar kienu responsabbli biss għal 16 % tal-baġit allokat għal azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 3/2008. Arranġamenti ġodda għandhom għalhekk jiġu introdotti, partikolarment

fir-rigward tal-ġestjoni baġitarja, sabiex jingħelbu l-ostakli eżistenti għall-implimentazzjoni.

- (16) Jeħtieġ li jiġu ddefiniti l-kriterji tal-finanzjament ta-azzjonijiet. Bħala regola ġenerali, l-Unjoni għandha tkopri biss parti mill-ispejjeż tal-programmi, bil-għan li l-organizzazzjonijiet proponenti interessati jieħdu f'idejhom ir-responsabbiltà. Ċerti spejjeż amministrattivi u tal-persunal li mhumiex marbuta mal-implimentazzjoni tal-PAK jiffurmaw parti integrali ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni u jistgħu jkunu eliġibbli għal finanzjament mill-Unjoni.
- (17) Kull miżura għandha tkun suġġetta għal monitoraġġ u evalwazzjoni sabiex tittejjeb il-kwalità tiegħu u tingħata prova tal-kisbiet tiegħu. F'dan il-kuntest għandha tiġi ddeterminata lista ta' indikaturi u l-impatt tal-politika tal-promozzjoni għandu jiġi vvalutat mill-Kummissjoni b'rabta mal-oġettivi strateġiċi tagħha. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni għal din il-politika li jkun konsistenti mal-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni komuni tal-PAK.
- (18) Sabiex ikunu żgurati l-koerenza, l-effettività u l-ġestjoni soda tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, kif ukoll l-użu effiċjenti tal-fondi tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 290 tat-Trattat, fir-rigward tal-kundizzjonijiet speċifiċi ta' viżibilità tal-marki u l-indikazzjoni tal-orijini tal-prodotti, il-kriterja biex tkun iddeterminata l-eliġibilità tal-organizzazzjonijiet proponenti, il-kundizzjonijiet li jirregolaw offerti kompetittivi bejn l-organizzazzjonijiet implimentattivi u l-kundizzjonijiet skont liema l-organizzazzjoni proponenti tista' tkun awtorizzata timplimenta hija stess ċerti partijiet tal-programm, u fl-aħħar nett, il-kundizzjonijiet speċifiċi li jiddeterminaw l-eliġibilità tal-ispejjeż ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għal programmi sempliċi. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż l-użu ta' esperti esterni. Il-Kummissjoni, hija u tipprepara u tfassal atti ta' delega, għandha tiżgura illi d-dokumenti rilevanti jintbagħtu simultanjament, fil-ħin u kif support lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (19) Sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni mis-sistema stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 3/2008 għas-sistema stabbilita minn dan ir-Regolament, xieraq li s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat tiġi ddelegata lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-istabbiliment ta' dispożizzjonijiet tranżitorji bejn id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru°3/2008 u dawk ta' dan ir-Regolament.
- (20) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni għall-finijiet tal-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni dwar il-programmi ta' ħidma li jstabbilixxu l-prijoritajiet strateġiċi, l-għażla ta' programmi sempliċi, il-monitoraġġ u l-kontroll ta' programmi sempliċi, ir-regoli dwar il-konklużjoni ta' kuntratti għall-implimentazzjoni ta' programmi sempliċi magħżula skont dan ir-Regolament, kif ukoll qafas komuni għall-valutazzjoni tal-impatt tal-

programmi. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.¹⁷

- (21) Sabiex tinkiseb aktar konsistenza bejn miżuri ta' promozzjoni differenti taħt l-ewwel pilastru tal-PAK, għandu jiġi żgurat li l-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni eżistenti li jaqgħu fil-qafas tar-Regolament (UE) Nru .../20... [COM(2011)626] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸ huma kompatibbli mal-prijoritajiet strateġiċi li għandhom jiġu ddefiniti fil-livell orizzontali fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament.
- (22) Minħabba r-rabtiet li jeżistu bejn il-politika ta' promozzjoni u l-istrumenti l-oħra tal-PAK, l-għanijiet ta' dan ir-Regolament jistgħu jintlaħqu b'mod aktar effettiv fil-livell tal-Unjoni minħabba l-garanzija pluriennali tal-finanzjament mill-Unjoni u minħabba l-iffokar ta' dawn fuq prijoritajiet definiti b'mod ċar. Dan ir-Regolament, għalhekk, huwa skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stipulat fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Billi l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament huwa limitat għal dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-oġettivi tiegħu, jirrispetta wkoll il-prinċipju ta' proporzjonalità stipulat fl-Artikolu 5(4) ta' dak it-Trattat.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

L-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni tal-prodotti agrikoli u ta' ċerti prodotti alimentari bbażati fuq prodotti agrikoli (minn hawn 'l quddiem imsejħa "azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni"), implimentati fis-suq intern jew fil-pajjiżi terzi jistgħu jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni, kollha kemm huma jew parzjalment, bil-kundizzjonijiet previsti b'dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Azzjonijiet fis-suq intern

1. It-tipi ta' azzjonijiet eliġibbli fis-suq intern huma dawn li ġejjin:

¹⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

¹⁸ Ir-Regolament (UE) Nru XXX/20.. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, ĠU

- a) l-azzjonijiet ta' informazzjoni bil-għan li jenfasizzaw il-karatteristiċi speċifiċi tal-metodi tal-produzzjoni agrikola tal-Unjoni, partikolarment f'termini ta' sigurtà tal-ikel, tal-awtentività, tal-aspetti nutrittivi u tas-saħħa, tal-benesseri tal-annimali u tar-rispett għall-ambjent;
- b) l-azzjonijiet ta' informazzjoni dwar it-temi rilevanti għall-Unjoni, imsemmija fl-Artikolu 5(4).

Artikolu 3

Azzjonijiet fil-pajjiżi terzi

L-azzjonijiet eliġibbli fil-pajjiżi terzi huma dawn li ġejjin:

- a) l-azzjonijiet ta' informazzjoni bil-għan li jenfasizzaw il-karatteristiċi tal-prodotti agrikoli u tal-ikel u dwar it-temi msemmija fl-Artikolu 5(4);
- b) l-azzjonijiet ta' promozzjoni bil-għan li jżidu l-bejgħ tal-prodotti agrikoli u tal-ikel li joriġinaw mill-UE.

Artikolu 4

Karatteristiċi tal-azzjonijiet

1. L-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni mhumiex orjentati skont marki kummerċjali. Madankollu, il-marki tal-prodotti jistgħu jkunu viżibbli matul wirjiet jew avvenimenti ta' tidwiq tal-prodotti u fuq l-informazzjoni u l-materjal promozzjonali f'konformità ma' kundizzjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 6(a).
2. L-azzjonijiet ta' informazzjoni ma għandhomx iħajru l-konsum ta' prodott minħabba l-oriġini tiegħu. Madankollu, l-oriġini ta' prodotti jistgħu jkunu viżibbli fuq informazzjoni u materjal promozzjonali f'konformità ma' kundizzjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 6(b).
3. L-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni huma implimentat fil-qafas ta':
 - a) programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni (minn hawn' il quddiem imsejħa "programmi") li jimmiraw, fuq il-bażi ta' sett ta' operazzjonijiet koerenti, biex itejbu l-informazzjoni dwar it-temi jew il-prodotti inkwistjoni kif ukoll il-bejgħ ta' dawn il-prodotti;
 - b) inizjattivi tal-Kummissjoni.

Artikolu 5

Prodotti u temi eliġibbli

1. Il-prodotti li ġejjin jistgħu jkunu s-suġġett ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni msemmija fl-Artikolu 3 u juru l-metodi tal-produzzjoni u t-temi msemmija fl-Artikolu 2 u fil-punt (a) tal-Artikolu 3:
 - a) il-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn' il quddiem imsejjaħ "it-Trattat"), esklużi l-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru [COM (2011)416] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹ u t-tabakk;
 - b) il-prodotti tal-ikel ibbażati fuq prodotti agrikoli elenkati fil-paragrafu I tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
 - c) xorb spirituż (spirti tax-xorb) b'indikazzjoni ġeografika protetta skont ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.²⁰
2. L-inbid jista' jkun is-suġġett ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni sakemm prodotti oħra kif imsemmija fil-paragrafu 1(a) jew (b) huma wkoll koperti mill-programm inkwistjoni.
3. Fir-rigward tal-ispirti tax-xorb kif imsemmi fil-paragrafu 1(c) u tal-inbid kif imsemmi fil-paragrafu 2, l-azzjonijiet li jimmiraw is-suq intern huma limitati biex jgħarrfu lill-konsumaturi dwar l-iskemi Ewropej tal-kwalità dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi.
4. It-temi msemmija fl-Artikolu 2, il-punt (b) u fl-Artikolu 3, il-punt (a) huma dawn li ġejjin:
 - a) l-iskemi tal-kwalità stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1151/2012, ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 u fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE) XXX/20... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ta'... li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS Unika) (COM (2011)626)];
 - b) il-metodu ta' produzzjoni organika kif definit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007²¹;
 - c) is-simbolu grafiku tal-prodotti agrikoli ta' kwalità li huma speċifiċi għar-reġjuni ultraperiferiċi kif definiti fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²².

¹⁹ Ir-Regolament (UE) Nru [COM(2011)416] ta'...dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura ĠU

²⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 (ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16).

²¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2092/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1).

Artikolu 6

Setgħat ta' delega

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 23 fir-rigward ta':

- a) il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-viżibbiltà tal-marki kummerċjali waqt wirjiet jew avvenimenti ta' tidwiq ta' prodotti u dwar il-materjal ta' informazzjoni u ta' promozzjoni kif deskritti fl-Artikolu 4(1).
- b) il-kundizzjonijiet marbuta mar-referenza tal-oriġini tal-prodotti kif imsemmija fl-Artikolu 4(2).

Kapitolu II

IMPLIMENTAZZJONI TAL-AZZJONIJIET TA' INFORMAZZJONI U TA' PROMOZZJONI

TAQSIMA 1

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

Artikolu 7

L-entitajiet proponenti

Il-programm jista' jiġi propost minn:

- a) organizzazzjonijiet professjonali jew interprofessjonali nazzjonali;
- b) organizzazzjonijiet professjonali jew interprofessjonali tal-Unjoni;
- c) l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, kif definiti fl-Artikoli 106 u 107 tar-Regolament (UE) XXX/20.. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ta'... li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS Unika) (COM(2011)626)].

Artikolu 8

Programm ta' Ħidma

²² Ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 23).

1. L-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għandhom jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-agrikoltura Ewropea kemm fis-suq intern kif ukoll fil-pajjiżi terzi. L-għanijiet li għandhom jintlaħqu se jiġu stabbiliti fil-programm ta' ħidma msemmi fil-paragrafu 2.
2. Permezz ta' att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tadotta programm ta' ħidma li jistabbilixxu l-għanijiet li jiġu segwiti, il-prijoritajiet, ir-riżultati mistennija, l-arranġamenti ta' implimentazzjoni u l-ammont totali tal-pjan ta' finanzjament. Dan jinkludi wkoll il-kriterji prinċipali għall-evalwazzjoni, deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni, skeda indikattiva tal-implimentazzjoni u fil-każ tal-għotjiet, ir-rata massima ta' kofinanzjament.

L-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu huwa adottat skont il-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 24(3).
3. Il-programm ta' ħidma msemmi fil-paragrafu 1 huwa implimentat permezz tal-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni:
 - a) għall-programmi sempliċi, sejħa għal proposti li tindika, notevolment il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni u l-kriterji ewleni għall-valutazzjoni.
 - b) għall-programmi multi, ta' sejħa għal proposti skont it-Titolu VI tal-Parti I tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012²³.

Artikolu 9

Il-programmi

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- a) “programm sempliċi”: programm li jista' jitressaq minn organizzazzjoni proponenti waħda jew aktar, kif imsemmija fl-Artikolu 7(a) jew (c), u ġejjin minn wieħed u l-istess Stat Membru;
- b) “programm multi”: programm li jista' jitressaq minn bosta organizzazzjonijiet proponenti, kif imsemmija fl-Artikolu 7(a) jew (c), u ġejjin minn bosta Stati Membri, jew minn organizzazzjoni Ewropea jew aktar, kif imsemmija fl-Artikolu 7(b).

Artikolu 10

Azzjonijiet bl-inizjattiva tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni tista' timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni kif deskritti fl-Artikoli 2 u 3. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jieħdu l-forma b'mod

²³ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

partikolari, ta' parteċipazzjoni f'fieri kummerċjali u f'esponimenti ta' importanza internazzjonali, bil-ħolqien ta' stands jew operazzjonijiet maħsuba biex jippromwovu r-reputazzjoni tal-prodotti tal-Unjoni.

2. Il-Kummissjoni tiżviluppa s-servizzi ta' appoġġ tekniku, b'mod partikolari bil-ħsieb li trawwem l-għarfien dwar swieq differenti, li żżomm netwerk kummerċjali dinamiku madwar politika ta' informazzjoni u ta' promozzjoni u li ttejjeb l-għarfien dwar dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jikkonċernaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-programmi.

Artikolu 11

Esklużjoni ta' ffinanzjar doppju

L-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni li jirċievu appoġġ finanzjarju Ewropew ieħor, b'mod partikolari skont ir-Regolament (UE) XXXX/20.. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ta' ... dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (COM(2011)627)²⁴] jew skont ir-Regolament (UE) XXX/20... [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS Unika) (COM(2011)626)], ma jistgħux jirċievu finanzjament mill-Unjoni skont dan ir-Regolament.

TAQSIMA 2

IMPLIMENTAZZJONI U ĠESTJONI TA' PROGRAMMI SEMPLIĊI

Artikolu 12

Għażla ta' programmi sempliċi

1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa u tagħżel proposti għal programmi sempliċi wara s-sejħa għal proposti msemmija fl-Artikolu 8(3)(a).
2. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar il-programmi sempliċi magħżula, dwar it-tibdiliet li għandhom isiru lilhom, u dwar il-baġits korrispondenti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni huma adottati skont il-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 24(2).

Artikolu 13

Korpi inkarigati bit-tweqqif tal-programmi sempliċi

²⁴ Ir-Regolament (UE) Nru ... tal-Parlament u tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (ĠU ...).

Wara sejħa għall-offerti kompetittiva bil-proċedura xierqa, l-organizzazzjoni proponenti għandha tagħżel il-korpi li se jimplementaw programmi simpliċi magħżula bil-ħsieb, b'mod partikolari, biex jiġi żgurat li l-miżuri huma implimentati b'mod effikaċi.

Artikolu 14

Implimentazzjoni, monitoraġġ u kontroll tal-programmi simpliċi

1. L-Istati Membri kkonċernati huma responsabbli għat-twettiq tajjeb tal-programmi simpliċi magħżula msemmija skont l-Artikolu 12, kif ukoll għall-pagamenti relatati. L-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb li l-materjal ta' informazzjoni u ta' promozzjoni li jiġi prodott fil-kuntest tal-programmi msemmija jikkonformaw mar-regoli tal-Unjoni.
2. L-Istati Membri jimplementaw, jissorveljaw u jikkontrollaw il-programmi simpliċi f'konformità mar-Regolament (UE) Nru XXXX/20.. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ta'... dwar il-finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni (COM(2011) 628] u skont l-arranġamenti li għandhom jiġu adottati skont il-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 22.

Artikolu 15

Dispożizzjonijiet finanzjarji relatati mal-programmi simpliċi

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal programmi simpliċi ma għandhiex taqbeż il-50 % tal-infiq eliġibbli għall-għajnuna. In-nefqa li tibqa' titħallas esklussivament mill-organizzazzjonijiet proponenti.
2. Il-perċentwal imsemmi fil-paragrafu 1 jiżdied għal 60 % għal:
 - a) programm simpliċi wieħed jew aktar f'pajjiż terz jew aktar;
 - b) l-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni dwar il-frott u l-ħaxix destinati speċifikament għat-tfal fl-istabbilimenti edukattivi tal-Unjoni,
3. L-istudji sabiex jiġu evalwati r-riżultati tal-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni skont l-Artikolu 23 huma eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni bil-kundizzjonijiet simili għal dawk li jirregolaw il-programm simpliċi.
4. L-Unjoni tiffinanzja għalkollox l-ispejjeż ta' konsulenza marbuta mal-għażla tal-programm f'konformità mal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru XXXX/20.. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ta'... dwar il-finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni (COM(2011) 628].
5. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-programmi simpliċi, l-organizzazzjonijiet proponenti għandhom jipprovdu garanziji.
7. L-Unjoni għandha tiffinanzja azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni implimentati permezz tal-programmi simpliċi skont l-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru XXXX/20.. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ta'... dwar

il-finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni (COM (2011) 628)].

TAQSIMA 3

IMPLIMENTAZZJONI U ĠESTJONI TAL-PROGRAMMI MULTI U TAL-AZZJONIJIET BL-INIZJATTIVA TAL-KUMMISSJONI

Artikolu 16

Tipi ta' finanzjament

1. Il-finanzjament jista' jieħu wieħed jew aktar mill-forom previsti mir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, u b'mod partikolari dan jikkonsist fi:
 - a) għotjiet għall-programmi multi;
 - b) swieq għall-azzjonijiet bl-inizjattiva tal-Kummissjoni.
2. Il-finanzjament mill-Unjoni ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni implimentati permezz tal-programmi multi jew bl-inizjattiva tal-Kummissjoni jsir skont l-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru XXXX/20.. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ta' ... dwar il-finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni (COM(2011) 628)].

Artikolu 17

Evalwazzjoni tal-programmi multi

Il-proposti għal programmi multi huma evalwati u magħżula fuq il-bażi tal-għażla u tal-għoti imħabbin fis-sejħa għal proposti msemmija fl-Artikolu 8(3)(b).

Artikolu 18

Dispożizzjonijiet finanzjarji relatati mal-programmi multi

Ir-rata massima ta' kofinanzjament hija stabbilita għal 60 % tal-ispejjeż totali eliġibbli għall-programmi multi. In-nefqa li tibqa' titħallas esklussivament mill-organizzazzjonijiet proponenti.

Artikolu 19

L-akkwist għal azzjonijiet implimentati bl-inizjattiva tal-Kummissjoni

Kwalunkwe akkwist effettwat mill-Kummissjoni f'isimha stess jew flimkien ma' Stati Membri huwa soġġett għar-regoli dwar l-akkwist stipulati fir-Regolament (UE) Nru 966/2012 u fir-Regolament ta' delega (UE) Nru 1268/2012.

Artikolu 20

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni tiegħu miżuri xierqa sabiex tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont din it-taqsimha, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu mħarsa bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, b'kontrolli effikaċi u, jekk jiġu skoperti irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti li jkunu tħallsu bi żball u, fejn xieraq, b'penali amministrattivi u finanzjarji effikaċi, proporzjonali u dissważivi.
2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri jkollhom is-setgħa li jawditjaw, abbażi tad-dokumenti u fuq il-post, fir-rigward tal-benefiċjarji kollha tal-għotja, kuntratturi u subkuntratturi li jkunu rċevew il-fondi tal-Unjoni.
3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stipulati fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵ u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96²⁶ bil-għan li jstabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim ta' għotja jew ma' deċiżjoni ta' għotja jew ma' kuntratt iffinanzjat mill-Unjoni.
4. Bla preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, kuntratti, ftehimiet ta' għotja u deċiżjonijiet ta' għotja, li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan il-Programm fihom dispożizzjonijiet li espressament jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF biex iwettqu tali awditjar u investigazzjonijiet, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

²⁵ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1–22).

²⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2–5).

TAQSIMA 4

SETGĦAT TA' DELEGA U SETGĦAT TA' IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 21

Setgħat ta' delega

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 23 fir-rigward ta':

- (a) il-kondizzjonijiet speċifiċi skont liema kull waħda mill-organizzazzjonijiet proponenti msemmija fl-Artikolu 7 tista' tissottometti programm, b'mod partikolari bil-għan li tiggarrantixxi li r-rappreżentanza tal-organizzazzjonijiet u l-programm huwa ta' skala sinifikanti;
- (b) il-kondizzjonijiet skont liema l-organizzazzjoni proponenti tista' tkun awtorizzata timplimenta hija stess ċerti partijiet tal-programm permezz ta' deroga mill-Artikolu 13;
- (c) il-kondizzjonijiet li jirregolaw offerti kompetittivi min-naħa tal-korpi ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 13;
- (d) il-kondizzjonijiet speċifiċi ta' eliġibbiltà għall-programmi sempliċi, l-ispejjeż tal-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni u, fejn meħtieġ, l-ispejjeż amministrattivi u tal-persunal.

Artikolu 22

Setgħat ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:

- a) l-arranġamenti għall-implimentazzjoni, ta' monitoraġġ u ta' kontroll imsemmija fl-Artikolu 14(2);
- b) ir-regoli li jikkonċernaw il-konklużjoni ta' kuntratti għall-implimentazzjoni tal-programmi sempliċi approvati skont dan ir-Regolament,

Dawn l-atti ta' implimentazzjoni huma adottati skont il-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 24(2).

Kapitolu III

DELEGI TA' SETGĦAT, DISPOŻIZZJONIJIET TA' IMPLIMENTAZZJONI, TRANSITORJI U FINALI

TAQSIMA 1

DELEGA TAS-SETGĦAT U DISPOŻIZZJONIJIET TA' IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 23

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li tadotta atti ta' delega hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti ta' delega msemmija f'dan ir-Regolament għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien mhux determinat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
3. Id-delega ta' setgħa msemmija f'dan ir-Regolament tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Ir-revoka tiegħu effett fil-jum wara dak tal-publikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data oħra li tkun speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' atti ta' delega diġà fis-seħħ.
4. Hekk kif tadotta att ta' delega, il-Kummissjoni għandha tinnotifika dan simultanament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Att ta' delega adottat skont dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun tqajmet l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 24

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni hija assistita mill-Kumitat għall-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli stabbilit bl-Artikolu 162 tar-Regolament (UE) XXXX/20.. [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (ir-Regolament dwar l-OKS Unika)].

Dak il-kumitat huwa kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

TAQSIMA 2

KONSULTAZZJONI, EVALWAZZJONI U RAPPORT

Artikolu 25

Konsultazzjoni

Fil-qafas tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tikkonsulta l-grupp konsultattiv "promozzjoni tal-prodotti agrikoli" stabbilti bid-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2004/391/KE²⁷.

Artikolu 26

Evalwazzjoni tal-impatt tal-miżuri

B'mod koerenti mal-qafas komuni ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-politika agrikola komuni previst bl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE) Nru .../20.. [COM(2011)628], skont l-Artikolu 24(2), il-Kummissjoni tiddetermina l-qafas komuni għall-valutazzjoni tal-impatt tal-programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni ffinanzjati skont dan ir-Regolament, kif ukoll sistema ta' indikaturi.

Il-partijiet kollha kkonċernati jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-tagħrif u l-informazzjoni kollha neċessarji biex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tal-impatt tal-azzjonijiet.

Artikolu 27

Rapport

Qabel il-31 ta' Diċembru [2020], il-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, akkumpannat minn proposti xierqa, skont il-każ.

²⁷ Id-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2004/391/KE tat-23 ta' April 2004 dwar il-gruppi ta' konsulenza li jittrattaw mal-kwistjonijiet koperti bil-politika agrikola komuni (ĠU L 120, 24.4.2004, p. 50).

TAQSIMA 3

DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI U FINALI

Artikolu 28

Emenda tar-Regolament (UE) Nru .../20... [COM(2011)626]

Ir-Regolament (KE) Nru .../20... [COM(2011)626] huwa emendat kif ġej:

a) fl-Artikolu 34(2), jiżdied is-subparagrafu l-ġdid li ġej:

“L-istrateġija nazzjonali trid tkun kompatibbli mal-prijoritajiet strateġiċi definiti fil-programm ta’ ħidma msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

* Ir-Regolament (UE) Nru XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta’ dwar azzjonijiet ta’ informazzjoni u ta’ promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi (ĠU L.....)”

b) il-paragrafu li ġej jiżdied mal-Artikolu 43:

“5. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 huma kompatibbli mal-prijoritajiet strateġiċi definiti fil-programm ta’ ħidma msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru°XXX.”

Artikolu 29

Għajnuna mill-Istat

B’deroga mill-Artikolu 146 tar-Regolament (UE) XXXX/20.. [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill * ta’... li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS Unika) (COM(2011) 626)] u mill-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006²⁸, u bis-saħħa tal-Artikolu 42, l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat, l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-Trattat ma għandhomx japplikaw għal pagamenti magħmulin mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament u f’konformità mad-dispożizzjonijiet tagħha, u lanqas mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji li ġejjin minn dħul parafiskali jew minn kontributi obligatorji tal-Istati Membri, fil-każ ta’ programmi eliġibbli għall-appoġġ tal-Unjoni skont l-Artikolu 42, it-tieni subparagrafu, tat-Trattat li l-Kummissjoni tkun għażlet f’konformità ma’ dan ir-Regolament.

²⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 tal-24 ta’ Lulju 2006 li japplika ċerti regoli ta’ kompetizzjoni għall-produzzjoni ta’, u l-kummerċ fi, prodotti agrikoli (ĠU L 214, 4.8.2006, p. 7).

Artikolu 30

Tħassir

Ir-Regolament (KE) Nru 3/2008 huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar jinftiehem bħala referenzi għal dan ir-Regolament u jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni mniżżla fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 31

Dispożizzjonijiet transitorji

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti ta' delega f'konformita mal-Artikolu 21 biex tiżgura t-tranżizzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 3/2008 u dawk ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 32

Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[Ir-Regolament japplika minn]

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX

IT-TABELLA TA' KORRELAZZJONI msemija fl-Artikolu 30

Ir-Regolament (KE) Nru 3/2008	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1 (1), l-ewwel subparagrafu	L-Artikolu 1
L-Artikolu 1 (1) it-tieni subparagrafu	L-Artikolu 4(3)(a)
L-Artikolu 1(2)	L-Artikolu 4(1) u (2)
L-Artikolu 2	L-Artikolu 2 u 3
L-Artikoli 3 u 4.	Artikolu 5
L-Artikolu 5	L-Artikolu 8(1)
L-Artikolu 6(1)	L-Artikolu 7
L-Artikolu 6(2)	---
L-Artikolu 7	---
L-Artikolu 8	L-Artikoli 12 u 17.
L-Artikolu 9	---
L-Artikolu 10	L-Artikolu 10
L-Artikolu 11	L-Artikolu 13
L-Artikolu 12(1)	---
L-Artikolu 12(2)	L-Artikolu 14
L-Artikolu 13(1)	L-Artikolu 16(1)(b)
L-Artikolu 13 (2), l-ewwel subparagrafu	L-Artikolu 15(1)
L-Artikolu 13(2), it-tieni subparagrafu	L-Artikolu 15(2)
L-Artikolu 13(2), it-tielet subparagrafu	---
L-Artikolu 13(3), (4) u (5)	---
L-Artikolu 13(6)	L-Artikolu 29
L-Artikolu 14	L-Artikoli 15(6) u 16(2)
L-Artikoli 15 u 16.	L-Artikoli 23 u 24.
L-Artikolu 17	L-Artikolu 25
L-Artikolu 18	L-Artikolu 27
L-Artikolu 19	L-Artikolu 30
L-Artikolu 20	L-Artikolu 32

Ir-Regolament (KE) Nru 3/2008 kif allinjati mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Liżbona fuq il-proposta għal Regolament (UE) Nru° XXX/20.. [COM(2011)663]	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1(1), l-ewwel subparagrafu	L-Artikolu 1
L-Artikolu 1(1), it-tieni u t-tielet subparagrafi	L-Artikoli 4(3) u 8(2)
L-Artikolu 1(2)	L-Artikolu 4(1) u (2)
L-Artikolu 1(3)	L-Artikolu 8(2)
L-Artikolu 1(4)	---
L-Artikolu 2	L-Artikoli 2 u 3
L-Artikoli 3 u 4.	L-Artikolu 5
L-Artikolu 5	L-Artikolu 8(2)

L-Artikolu 6(1)	L-Artikolu 7
L-Artikolu 6(2)	---
L-Artikolu 7	---
L-Artikolu 8	L-Artikoli 12, 17 u 18
L-Artikolu 9	---
L-Artikolu 10	L-Artikolu 10
L-Artikolu 11	L-Artikoli 13, 19 u 21(b)
L-Artikolu 12(1)	14
L-Artikolu 12(2) u (3)	L-Artikolu 16(2)
L-Artikolu 13(1)	L-Artikolu 15
L-Artikolu 13 (2), l-ewwel subparagrafu	L-Artikolu 15(2)
L-Artikolu 13(2), it-tieni subparagrafu	L-Artikolu 29
L-Artikolu 13(2), it-tielet subparagrafu	L-Artikolu 11
L-Artikolu 13(3), (4) u (5)	L-Artikolu ---
L-Artikolu 13(6)	L-Artikolu 15(5)
L-Artikolu 13(7)	L-Artikolu 22
L-Artikolu 13(8)	L-Artikoli 15(6) u 16(2)
L-Artikolu 13(9)	---
L-Artikolu 14	L-Artikolu 23
L-Artikolu 15(a)	L-Artikolu 24
L-Artikolu 16(a)	L-Artikolu 25
L-Artikolu 16(b)	L-Artikolu 27
L-Artikolu 17	L-Artikolu 30
L-Artikolu 18	L-Artikolu 32
L-Artikolu 19	
L-Artikolu 20	

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi

1.2. Qasam/oqasma ta' politika kkonċernata/i fl-istruttura ABM/ABB²⁹

Titolu tal-Qasam ta' Politika 05 tal-Intestatura 2

1.3. Natura tal-proposta

Il-proposta hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

Il-proposta hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**³⁰

Il-proposta hija relatata **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

Il-proposta hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

Il-proposta tikkonċerna estensjoni ta' azzjoni eżistenti iżda bl-introduzzjoni ta' aspetti ġodda.

1.4. Għan(ijiet)

1.4.1. *Għan(ijiet) strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta*

Il-proposta għandha fil-mira tagħha l-użu effikaċi tar-riżorsi, għall-fini ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv għas-settur tal-agrikoltura tal-UE f'konformità mal-Istrateġia Ewropa 2020.

B'mod simili bħall-politika agrikola komuni (PAK) tal-UE, il-politika tal-promozzjoni Ewropea favur il-prodotti agrikoli ssegwi l-għanijiet tar-riforma tal-PAK għall-programm Orizzont 2020 u b.mod partikolari, l-għan tat-tisħiħ tal-kompetittività tas-settur agrikolu kemm fis-suq intern kif ukoll fil-pajjiżi terzi.

1.4.2. *Għan(ijiet) speċifiku(iċi) u attività(jiet) ABM/ABB ikkonċernati*

L-għan speċifiku

²⁹ ABM: *Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività ('Activity-Based Management')* – ABB: *Baġit Ibbażat fuq l-Attività (Activity-Based Budgeting)*.

³⁰ Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Li titjieb il-kompetittività tas-settur agrikolu u jissaħħa is-sehem tal-valur tagħha fil-katina alimentari

Attività(jiet) ABM/ABB ikkonċernata(i)

05 02 “Interventi fis-swieq agrikoli”

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt(i) mistennija*

Skont din il-proposta, il-politika tal-promozzjoni se jkollha strateġija globali li bis-saħħa tagħha tkun tista' twieġeb b'mod immirat u effikaċi għall-opportunitajiet ekonomiċi fil-pajjiż terzi, pereżempju b'rabta mal-ftehimiet tal-kummerċ liberu, u mal-ħtieġa ta' informazzjoni dwar il-vantaġġi ta' prodotti agrikoli Ewropej.

L-istrateġija tal-promozzjoni se tiddefinixxi l-messaġġi li għandhom jitwasslu, li b'mod partikolari se jisħqu fuq l-elementi speċifiċi tal-PAK jiġifieri l-metodi tal-produzzjoni sostenibbli u l-iskemi tal-kwalita tagħha.

F'termini ta' impjegi, l-impatt se jkun marbut ma' riperkussjonijiet ekonomiċi mistennija, iżda din il-proposta għandha tikkontribwixxu biex jinżammu l-impjegi fis-settur agrikolu u tal-ikel, speċjalment fl-intrapriżi żgħar u medji (bis-saħħa tal-prijorità li l-istrateġija tagħti lilhom), li jirrappreżentaw 99 % tal-intrapriżi agroalimentari u 63 % tal-impjegi f'dan is-settur.

Żieda fl-għadd ta' programmi li jinvolvu organizzazzjonijiet minn pajjiżi differenti tal-UE (imsejħa programmi ta' pajjiżi multipli), b'valur miżjud Ewropew għoli, hija mistennija b'konsegwenza tas-semplifikazzjoni tal-għażla u tal-ġestjoni, realizzati fil-livell tal-Kummissjoni, mingħajr ma l-Istati Membri jkunu involuti fi stadju intermedjarju.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatti*

L-indikaturi ġew stabbiliti fi tliet livelli differenti skont l-għanijiet:

Indikaturi tal-impatt:

- Il-Bilanċ Kummerċjali Agrikolu Ewropew;
- Dħul agrikolu.

Indikaturi tar-riżultati:

- L-esportazzjonijiet agrikoli Ewropej;
- Il-valur tal-produzzjoni ta' prodotti bid-denominazzjonijiet Ewropej ta' kwalità u l-importanza tal-biedja organika (indikaturi li jkejlu indirettament is-suċċess tal-istrateġija — temi ta' priyorità...);
- Il-perċezzjoni tal-konsumaturi tar-reputazzjoni tal-prodotti (stħarriġ, rapporti tal-Eurobarometer, eċċ.).

Indikaturi tal-implimentazzjoni:

- L-għadd ta' programmi (Suq intern/Pajjiżi terzi);
- Benefiċjarji ġodda (l-organizzazzjonijiet proponenti bħala proporzjon tan-numru totali ta' organizzazzjonijiet proponenti);

- L-għadd ta' programmi ta' pajjiżi multipli.

1.5. Raġuni(jiet) għall-proposta

1.5.1. Rekwiżit(i) li għandhom jiġu ssodisfati fuq perjodu qasir jew twil

Il-problema prinċipali hija aktar pressjoni fuq il-kompetittività tas-settur agrikolu li tirriżulta minn tliet fatturi differenti:

- Kompetizzjoni qawwija min-naħa tal-pajjiżi terzi vis-a-vis il-prodotti agrikoli Ewropej;

- Żieda fir-rekwiżiti li għandhom jiġu rispettati mill-agrikolturi u fl-ispejjeż għall-ekonomija agrikola fl-UE. Pereżempju, fil-perjodu 2000-12 il-prezzijiet agrikoli dinjin, żdiedu bi 82 % filwaqt li l-prezzijiet tal-enerġija żdiedu b'261 % u l-prezzijiet tal-fertilizzanti b'286 %, u b'hekk is-settur qed jiffaċċja l-oġġla livell ta' volatilità f'dawn l-aħħar tliet deċennji;

- Livell baxx ta' għarfien dwar il-merti tal-prodotti agrikoli tal-UE, speċjalment fuq is-suq intern. Pereżempju, il-maġġoranza tal-Ewropej iqisu li l-prijorità ewlenija għall-Unjoni Ewropea f'termini tal-politika agrikola u l-politika dwar l-iżvilupp rurali hija li jiġi żgurat li prodotti agrikoli huma ta' kwalità tajba, b'saħħithom u sikuri. Fl-istess ħin, 14 % biss tal-Ewropej jirrikonoxxu l-lowgos DPO³¹/IGP³², li jikkostitwixxu wieħed mill-fatturi ewlenin ta' skemi Ewropej ta' kwalità stabbilita mill-Unjoni.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE

Il-politika agrikola komuni hija politika Ewropea ġenwina. Minflok 28 politika agrikola, l-Istati Membri jikkondividu r-riżorsi tagħhom sabiex iħaddmu politika Ewropea b'baġit komuni u b'regoli komuni, inkluż dwar il-kwistjoni ta' promozzjoni. B'mod partikolari, f'suq uniku azzjoni fil-livell tal-UE se jkollha effett importanti ta' ingranaġġ biex (a) ikun eħfef li wieħed iwaqqaf programmi ta' informazzjoni ġenerika li, min-natura tagħhom stess, rarament huma implimentati mill-Istati Membri jew mill-intrapriżi, u fil-kuntest attwali b'mod partikolari minħabba l-kriżi ekonomika, u (b) jiġu implimentati programmi ta' pajjiżi multipli li jwasslu biex ikun hemm skambju ta' esperjenzi bejn l-Istati Membri kif ukoll ekonomiji ta' skala.

1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imġoddi

Azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni dejjem iffurmaw parti mill-PAK. Sa mill-1999, il-PAK b'mod speċifiku ssostni azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni fi ħdan is-setturi agrikoli u agroalimentari Ewropej fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi permezz ta' skema orizzontali ta' informazzjoni u ta' promozzjoni tal-prodotti agrikoli.

Hemm bosta indikazzjonijiet li politika ta' promozzjoni Ewropea għandha rwol pożittiv, u fl-aħħar mill-aħħar tippermetti lill-produtturi agrikoli Ewropej li jiġu

³¹ Denominazzjoni tal-oriġini protetta

³² Indikazzjoni ġeografika protetta

kkompensati għall-isforzi tagħhom biex jikkonformaw mal-istandards għoljin tal-PAK:

- Fl-2009, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri wettqet awditjar tal-iskema, li kien iffoka fuq l-effikaċja tal-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni u fuq ir-regolarità tan-nefqa. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandha opinjoni favorevoli tal-iskema, ukoll jekk huwa diffiċli biex jiġi kkwantifikat l-impatt tagħha³³;
- Il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni tal-iskema ppermettew ukoll analiżi tal-iskema attwali³⁴;
- Għalkemm hija rilevanti għal politika pubblika differenti, analiżi tal-kostbenefiċċju tal-programmi tal-iżvilupp tas-swieq ġestiti mill-USDA kkonkludiet li l-esportazzjonijiet agrikoli tal-Istati Uniti żdiedu b'USD 35 għal kull dollaru żejjed minfuq permezz ta' dawn il-programmi ta' promozzjoni, u li tnaqqis fil-baġit pubbliku għall-promozzjoni jirriżulta fi tnaqqis ta' 50 % tal-esportazzjonijiet agrikoli li huwa stmat għal USD 9 biljun. Għalkemm il-valur ta' dawn il-proporzjonijiet mhuwiex garantit, huwa interessanti li wieħed jinnota l-aspett pożittiv ċar ħafna tagħhom li appoġġja l-valur pożittiv tal-politiki pubbliċi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni tal-prodotti agrikoli³⁵.

1.5.4. *Kompatibilità u sinerġija possibbli ma' strumenti oħra rilevanti*

Meta wieħed iqis il-karatteristiċi speċifiċi tas-setturi differenti, il-proposta tipprevedi li ssaħħaħ is-sinerġiji bejn din l-iskema orizzontali ta' promozzjoni u l-iskemi settorjali li jeżistu fil-PAK permezz tal-istrateġija ta' promozzjoni u l-iżvilupp ta' identità komuni, billi tinkludi l-elementi viżwali u l-kontenut għall-azzjonijiet kollha ta' promozzjoni.

1.6. **Tul ta' żmien u impatt finanzjarju:**

Proposta b'tul ta' żmien limitat:

- Il-proposta fis-seħħ minn ... sa ...
- Impatt finanzjarju minn ... sa ...

Proposta b'tul ta' żmien mhux limitat

- Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu fi: (Ara l-punt 3.2.1 hawn taħt),
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

³³ Il-punt V tas-Sommarju Eżekuttiv tar-Rapport Nru 10/2009 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "Azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għal prodotti agrikoli".

³⁴ http://ec.europa.eu/agriculture/eval/reports/promotion/index_en.htm

³⁵ <http://www.wheatworld.org/wp-content/uploads/trade-global-insight-map-report-march2010-20100423.pdf>

1.7. Metodu(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)³⁶

X Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- X mill-aġenziji eżekuttivi

X Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta permezz tad-delega tal-kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja lil:

- pajjiżi terzi jew il-korpi li jkunu nnominaw;
- organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (jridu jiġu speċifikati);
- il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investment;
- korpi msemmijin fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;
- korpi tal-liġi pubblika;
- korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li huma inkarigati biex jimplimentaw sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- persuni li huma inkarigati biex jimplimentaw azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk ikun indikat aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok aġti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

L-iskema hija attwalment ġestita fuq il-bażi ta' ġestjoni kondiviża (in-nefqa ewlenija marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi) u ta' ġestjoni diretta ċentralizzata (azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni bl-inizjattiva tal-Kummissjoni).

Il-metodi ta' ġestjoni involuti fil-proposta huma l-ġestjoni kondiviża u l-ġestjoni diretta.

B'konformità mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 58/2003, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li testernalizza ċerti kompiti dwar il-ġestjoni diretta tal-programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni, b'mod partikolari għall-programmi ta' pajjiżi multipli, lil

³⁶ Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi tar-Regolament Finanzjarju huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

agenzia eżekuttiva eżistenti, bil-għan li jipprovdu servizz aktar effiċjenti u jtejbu l-viżibilità tal-UE fl-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni tal-prodotti agrikoli.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar:

Ir-regoli jipprovdu għall-evalwazzjoni tal-programmi. Attwalment dawn l-evalwazzjonijiet isiru kull sena u huma ssupplimentati minn valutazzjoni globali fi tmiem il-programm. Qafas komuni għall-valutazzjoni tal-impatt tal-azzjonijiet se jiġi stabbilit f'konformità mal-qafas komuni ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-PAK.

L-evalwazzjoni ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni se tiġi ssupplimentata minn evalwazzjonijiet regolari esterni tal-iskema.

Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-iskema huwa previst għal mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru [2020].

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat/i

L-iskema orizzontali ta' informazzjoni u ta' promozzjoni tal-prodotti agrikoli ilha teżisti mis-sena 2000. Din hija kkontrollata regolarment, u jsiru aġġustamenti fil-proċeduri ta' monitoraġġ u ta' kontroll kull meta jitqiesu neċessarji. Fuq il-bażi tal-awditi mwettqa mid-DĠ AGRI u tal-awditi tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-riskji ewlenin li ġew identifikati għall-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni huma marbutin man-natura intanġibbli ta' ċerti nfiq u mal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet lil hinn mill-fruntieri tal-UE.

2.2.2. Informazzjoni li tikkonċerna s-sistema stabbilita ta' kontroll intern

Sabiex ikunu limitati r-riskji, se jiġu definiti l-proċeduri tal-għażla, tal-implimentazzjoni, tal-monitoraġġ, tal-kontroll u tal-evalwazzjoni.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni se tistabilixxi proċeduri għall-għażla tal-aħjar programmi u mbagħad dawn tbiddilhom għal strumenti ġuridiċi. Hija se tistabilixxi wkoll il-kundizzjonijiet speċifiċi ta' eliġibbiltà tal-ispejjeż tal-azzjonijiet u, skont in-natura tan-nefqa, jista' jkun il-każ li japplikaw somom f'daqqa, skali ta' spejjeż, eċċ. Hija se tqis ukoll l-implimentazzjoni ta' programmi mill-korpi ta' implimentazzjoni speċjalizzati, li wħud minnhom se jkunu ġejjin minn barra l-Unjoni Ewropea. Il-proċeduri ta' kontroll se jiġu stabbiliti għal kull metodu ta' ġestjoni baġitarja fir-rigward tan-nefqa.

Fil-każ tal-ġestjoni kondiviża, il-qafas tal-kontroll se jkun ibbażat fuq proċeduri komuni ta' kontroll għall-PAK, kif riveduti fil-qafas tar-riforma (COM (2011) 628), u b'mod partikolari d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni li għandha tiġi pprovduta kull sena minn kull aġenzija ta' pagamenti.

Fil-każ tal-ġestjoni diretta, il-qafas tal-kontroll tal-għotjiet se jkun ibbażat fuq ir-regoli stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju (UE, Euratom) Nru 966/2012, b'mod partikolari rigward l-implimentazzjoni tal-istandards ta' kontroll intern tal-Kummissjoni, il-kontrolli *ex ante* tad-dikjarazzjonijiet kollha u ċ-ċertifikazzjoni tal-metodoloġiji tal-kostijiet, l-awditi *ex post* fuq kampjun ta' dikjarazzjonijiet.

Fil-kuntest tal-esternalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-programm ta' promozzjoni, il-Kummissjoni se twettaq ukoll il-miżuri ta' kontroll meħtieġa għall-Aġenzija Eżekuttiva skont l-Artikolu 65 tar-Regolament Finanzjarju. Hija se tissorvelja u tikkontrolla li l-Aġenzija Eżekuttiva tikseb l-oġettivi ta' kontroll xierqa għall-azzjonijiet li se tkunu fdata biex tamministra. Dan il-monitoraġġ se jkun previst fl-arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn id-Direttorat Ġenerali u l-Aġenzija.

Il-Kummissjoni se tkompli tagħmel awditjar tan-nefqa agrikola, billi tuża approċċ ibbażat fuq ir-riskju sabiex tiżgura li l-eżerċizzji tal-awditjar huma mmirati lejn dawk l-oqsma bl-akbar riskju.

2.2.3. *Stima tal-kosti u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żball*

Il-miżuri ta' informazzjoni u ta' promozzjoni se jkunu koperti dejjem bis-sistema eżistenti ta' ġestjoni u ta' kontroll għan-nefqa tal-FAEG.

Fir-rigward tal-kostijiet għall-Istati Membri għall-kontrolli, fl-Anness 8 qed tingħata analiżi tal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposti leġiżlattivi dwar ir-riforma tal-PAK (COM (2011) 626).

Fir-rigward tal-kostijiet għall-Kummissjoni, dawn se jkunu oġhla milli fil-preżent minħabba żieda globali fin-nefqa (inkluż irduppar fin-nefqa attwali taħt ġestjoni kondiviża) u, b'mod partikolari, in-nefqa marbuta ma' programmi taħt ġestjoni diretta.

Il-ġestjoni diretta tal-programmi ta' pajjiżi multipli se tkun fattur ġdid għal din l-iskema. Stima bbażata biss fuq il-kostijiet għall-kontroll ta' programm tal-istess tip se tkun possibbli. Pereżempju, wieħed jista' jikkwota l-programmi għall-kompetittività tal-intrapriżi u tal-intrapriżi żgħar u medji (COM (2011)834)

Mhuwiex maħsub li l-proposta se twassal għal żieda fir-rata ta' żball għall-FAEG .

2.3. **Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet**

Il-pakkett leġiżlattiv għar-riforma tal-PAK, b'mod partikolari l-proposta għal Regolament dwar il-finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni, għandu l-għan li jżomm u jsaħħaħ is-sistemi dettaljati attwali ta' kontroll u l-penalitajiet li għandhom jiġu applikati mill-aġenziji ta' pagamenti, b'karatteristiċi bażiċi komuni u regoli speċifiċi magħmula apposta skont il-partikolaritajiet ta' kull skema ta' għajjnuna. Ir-Regolament dwar il-finanzjament, l-immaniġġjar u l-monitoraġġ tal-PAK se japplika wkoll għar-regolament futur dwar il-politika ta' promozzjoni.

Ġeneralment, is-sistemi ta' kontroll jistipulaw kontrolli amministrattivi eżawrjenti ta' 100 % tal-applikazzjonijiet tal-ġħajnuna, kontrolli reċiproċi ma' bażijiet ta' dejta oħra fejn dan huwa meqjus xieraq kif ukoll kontrolli fuq il-post ta' ħlas minn qabel ta' ġħadd minimu ta' tranżazzjonijiet, skont ir-riskju assoċjat mas-sistema inkwistjoni. Jekk dawn il-kontrolli fuq il-post jiżvelaw ġħadd kbir ta' irregolaritajiet, ġħandhom jitwettqu kontrolli addizzjonali.

Il-pakkett leġislattiv ġħar-riforma tal-PAK, fost l-oħrajn, ġħandu l-ġħan li l-Istati Membri jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-irregolaritajiet u l-frodi, li jimponu penalitajiet effettivi, dissważivi u proporzjonati kif inhu stabbilit fil-leġislazzjoni tal-Unjoni jew fil-liġi nazzjonali, u li jirkupraw kwalunkwe pagament irregolari flimkien mal-imġħax. Il-pakkett jinkludi mekkaniżmu awtomatiku ta' approvazzjoni ġħall-każijiet ta' irregolarità, li jipprevedi li jekk l-irkupru ma jkunx seħħ fi żmien erba' snin mid-data tat-talba tal-irkupru, jew fi żmien tmien snin f'każ ta' proċedimenti legali, l-ammonti li ma jiġux irkuprati ġħandhom jiġħallsu mill-Istat Membru konċernat. Dan il-mekkaniżmu se jkun inċentiv qawwi biex l-Istati Membri jirkupraw pagamenti irregolari malajr kemm jista' jkun. Barra minn hekk, fir-rigward tal-kompiti esternalizzati relatati mal-ġħestjoni tal-politika futura ta' promozzjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva se tkun meħtieġa li tinnotifika lill-Kummissjoni każijiet potenzjali ta' frodi u ta' irregolaritajiet, fuq il-bażi ta' każ b'każ u fir-rapporti regolari li hi tippubblika.

Proċedura ta' kontroll rigoruża hija dejjem iktar importanti minħabba li l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' promozzjoni hija fdata lil korpi ta' implimentazzjoni li l-benefiċjarji, magħhom biss ikollhom rabta kuntrattwali. Billi l-korpi ta' implimentazzjoni huma entitajiet kummerċjali li ġħandhom id-dritt li jagħmlu profitti, jenħtieġ azzjoni intensiva biex ikun żgurat li l-azzjonijiet huma implimentati b'mod regolari.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i:

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Deskrizzjoni.....]	Diff/mhux diff. ⁽³⁷⁾	mill-pajjiżi tal-EFTA ³⁸	mill-pajjiżi kandidati ³⁹	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa), tar-Regolament Finanzjarju
2	05 02 10 01 – Azzjonijiet ta' promozzjoni — Pagamenti mill-Istati by Membri	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
	05 02 10 02 – Azzjonijiet ta' promozzjoni — Pagamenti Diretti mill-Unjoni	Diff.	LE	LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Intestatura.....]	Diff/Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa), tar-Regolament Finanzjarju
2	05 01 04 xx – Aġenzija Eżekuttiva	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE

³⁷ Diff. = Approprjazzjonijiet Differenzjati/ Mhux Diff. = Approprjazzjonijiet Mhux Differenzjati

³⁸ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

³⁹ Pajjiżi kandidati u fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

Noti:

Il-Kummissjoni qed tippjana biex tiddelega parti mill-implimentazzjoni lil Aġenzija Eżekuttiva. Jekk tagħmel dan, iridu jinħolqu xi linji baġitarji fi ħdan it-titolu 05.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-istima tal-impatt fuq in-nefqa

F'miljuni ta' EUR

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	2	Tkabbir Sostenibbli: riżorsi naturali: Sublimitu "Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti"
---	---	--

DG: AGRI			2014 ⁴⁰	2015 ⁴¹	2016	2017	2018	2019	2020	TOTAL
• Approprijazzjonijiet operazzjonali										
05 02 10 01	Impenji	(1)	0,0	0,0	4,0	5,0	9,0	36,0	36,0	90,0
	Pagamenti	(2)	0,0	0,0	4,0	5,0	9,0	36,0	36,0	90,0
05 02 10 02	Impenji	(1a)	0,5	0,5	15,0	54,0	90,0	103,0	103,0	366,0
	Pagamenti	(2a)	0,2	0,2	0,5	12,7	31,1	58,6	84,2	187,5
Approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi ⁴²										
05 01 04 xx		(3)	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
TOTAL tal-approprijazzjonijiet għad-DĠ AGRI	Impenji	=1+1a +3	0,5	0,5	19,0	59,0	99,0	139,0	139,0	456,0
	Pagamenti	=2+2a	0,2	0,2	4,5	17,7	40,1	94,6	120,2	277,5

⁴⁰ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva. L-istimi huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li l-implimentazzjoni se tibda fl-2016.

⁴¹ L-ammonti għall-2015 — skont l-arranġamenti ta' qabel ir-riforma — li huma ppreżentati bħala gwida, ma nbidlux mill-2014 u huma bla preġudizzju għall-estimi dettaljati għall-2015 li se jiġu stabbiliti fil-qafas tal-Abbozz tal-Baġit tal-2015.

⁴² Għajnuha teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

		+3									
--	--	----	--	--	--	--	--	--	--	--	--

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0,5	0,5	19,0	59,0	99,0	139,0	139,0	456,0
	Pagamenti	(5)	0,2	0,2	4,5	17,7	40,1	94,6	120,2	277,5
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi		(6)	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għall-INTESTATURA 2 Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	0,5	0,5	19,0	59,0	99,0	139,0	139,0	456,0
	Pagamenti	=5+ 6	0,2	0,2	4,5	17,7	40,1	94,6	120,2	277,5

Noti:

- L-ammonti indikati huma stima tal-impatt finanzjarju addizzjonali mqabbla mal-baġit tal-2013. It-tqassim tal-ammonti bejn il-linji baġitarji jistgħu jiġu aġġustati skont l-implimentazzjoni tal-programm.

- Il-Kummissjoni qed tippjana li mill-2016 tiddelega parti mill-implimentazzjoni lil Aġenzija Eżekuttiva. Jista' jkun li l-ammonti u r-rendikont tal-kostijiet stmati jkollhom jiġu aġġustati skont il-livell ta' delega finalment approvat.

Għall-informazzjoni: Stima tan-nefqa totali

F'miljuni ta' EUR

Is-sena		Bagit 2013	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	Total 2014-2020
05 02 10 01 - Azzjonijiet ta' promozzjoni - Pagamenti mill-Istati Membri		60,0	60,0	60,0	64,0	65,0	69,0	96,0	96,0	510,0
05 02 10 02 - Azzjonijiet ta' promozzjoni - Pagamenti mill-Unjoni	Impenji	1,0	1,5	1,5	16,0	55,0	91,0	104,0	104,0	373,0
	Pagamenti	1,1	1,4	1,4	1,6	13,9	32,2	59,8	85,4	195,5
05 01 04 XX – Aġenzija Eżekuttiva			pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm

TOTAL	Impenji	61,0	61,5	61,5	80,0	120,0	160,0	200,0	200,0	883,0
	Pagamenti	61,1	61,4	61,4	65,6	78,9	101,2	155,8	181,4	705,5

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	5	“Nefqa amministrattiva” (imqabbla mal-baġit tal-2013)
---	----------	---

F’miljuni ta’ EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

		2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	TOTAL
DĠ: AGRI									
• Riżorsi umani		0,019	0,099	-0,499	-0,147	0,188	0,675	0,922	1,257
• Nefqa amministrattiva oħra		0,000	0,000	0,002	0,006	0,003	-0,001	-0,001	0,009
TOTAL DĠ AGRI	Approprijazzjonijiet	0,019	0,099	-0,497	-0,141	0,191	0,674	0,921	1,266

TOTAL tal-approprijazzjonijiet għall-INTESTATURA 5 Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total tal-impenji = Total tal-pagamenti)	0,019	0,099	-0,497	-0,141	0,191	0,674	0,921	1,266
--	---	-------	-------	--------	--------	-------	-------	-------	-------

F’miljuni ta’ EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

		2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	TOTAL
TOTAL tal-approprijazzjonijiet għall-INTESTATURI 1 sa 5 Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0,519	0,559	18,501	58,583	99,188	139,675	139,922	457,266
	Pagamenti	0,219	0,299	4,003	17,559	40,291	95,274	121,122	278,766

3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Appropriazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR

Indika l-għanijiet u r-riżultati			2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	TOTAL			
	RIŻULTATI (outputs)												
	Tip ⁴³	Kost medju	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru totali
GĦAN SPEĊIFIKU ⁴⁴			Li titjeb il-kompetittività tas-settur agrikolu u li jissaħħaħ il-valur miżjud tiegħu fil-katina alimentari										
Riżultat ⁴⁵	Numru ta' programmi (suq intern/pajjiżi terzi)												
Riżultat ^{Error! Bookmark not defined.}	Benefiċjarji ġodda (il-proporzjon ta' organizzazzjonijiet proponenti ġodda imqabbel man-numru totali tal-organizzazzjonijiet proponenti)												

⁴³ Ir-riżultati jirreferu għall-prodotti u s-servizzi li se jingħataw (pereżempju: numru ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, numru ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

⁴⁴ Kif ġie deskritt fit-Taqsima 1.4.2. "Għan(ijiet) speċifiku(ċi)...".

⁴⁵ Skont il-qafas komuni ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-PAK, kif previst fl-Artikolu 110 tar-Regolament (UE) Nru [xxx/xxxx] dwar il-finanzjament, l-immuniġġjar u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni [fir-Regolament orizzontali tal-PAK], qafas komuni ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni se jkunu stabbiliti, u għalhekk it-tabelli tal-indikaturi se jkunu mimlija fi stadju aktar tard.

Riżultat^{Error!}
Bookmark not defined.

Numru ta' programmi ta'
pajjiż multipli

KOST TOTALI

3.2.3. Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' appropriazzjonijiet amministrattivi
- Il-proposta teħtieġ l-użu tal-appropriazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

F' miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	TOTAL
--	------	------	------	------	------	------	------	-------

INTESTATURA nru 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	2,508	2,588	1,990	2,342	2,677	3,164	3,411	18,680
Nefqa amministrattiva oħra	0,110	0,110	0,111	0,116	0,113	0,109	0,109	0,778
Subtotal għall-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	2,618	2,698	2,101	2,458	2,790	3,273	3,520	19,458

Minbarra l-INTESTATURA 5⁴⁶ tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa amministrattiva oħra								
Subtotal minbarra l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
TOTAL (*)	2,618	2,698	2,101	2,458	2,790	3,273	3,520	19,458

(*) Dawn iċ-ċifri jistgħu jiġu aġġustati bħala rizzultat tal-proċedura ta' delega prevista.

⁴⁶ Għajjnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' riżorsi umani
- Il-proposta teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew sa mhux aktar minn ċifra waħda wara l-punt deċimali)

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020
• Karigi fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)							
XX 01 01 01 (fil-Kwartieri Ġenerali u fl-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	19	19,5	13,7	15,3	17,1	20,1	21,6
XX 01 01 02 (delegazzjonijiet)							
XX 01 05 01 (riċerka indiretta)							
10 01 05 01 (riċerka diretta)							
• Persunal estern (f'unità ekwivalenti għal "full-time" – FTE)⁴⁷							
XX 01 02 01 (CA, SNE, INT mill-"pakkett globali")	0	0.2	2.6	4.6	6.0	7.3	8.0
XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-Delegazzjonijiet)							
XX 01 04 <i>ss</i> ⁴⁸	- fil-Kwartieri Ġenerali						
	- fid-Delegazzjoni						
XX 01 05 02 (AC, END, INT fuq riċerka indiretta)							
10 01 05 02 (AK, INT, ENS fuq Riċerka diretta)							
Linji baġitarji oħra (speċifika)							
TOTAL	19	19.7	16.3	19.9	23.1	27.4	29.6

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jkunu mill-persunal tad-DĠ li diġà huma assenjati bil-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew allokati mill-ġdid fi ħdan id-DĠ, flimkien ma', jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni taħt il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

(* Din il-proposta tiffirma parti mill-programmi li għalihom hija prevista d-delega lil Aġenzija Eżekuttiva. Dawn iċ-ċifri jistgħu għalhekk jiġu aġġustati bħala riżultat tad-delega finalment approvata.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Implimentazzjoni tal-politika tal-promozzjoni ta' prodotti agrikoli
Persunal estern	

⁴⁷ CA= persunal kuntrattwali; AL= aġent locali; SNE = espert nazzjonali ssekondat; INT = impjegati permezz ta' aġenzija; JED = esperti żgħażaġh f'delegazzjonijiet

⁴⁸ Sublimiti għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (ex-linji "BA").

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali*

- Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-proposti għall-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020.
- Il-proposta se tinvolvi l-ipprogrammar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.
- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibilità jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Noti:

Il-proposta dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2014-2020⁴⁹ jinkludi l-ammonti ta' pagamenti diretti u n-nefqa relatata mal-miżuri tas-suq tal-ewwel pilastru tal-PAK. Bħala miżura ta' prekawzjoni, il-Kummissjoni qieset il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-8 ta' Frar 2013, dwar il-qafas finanzjarju pluriennali. Soġġett għall-adozzjoni tar-Regolament dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, il-miżuri ta' promozzjoni se jiġu ffinanzjati fil-limiti tal-ammonti tas-sublimitu tal-FAEG miftiehma mill-Kunsill Ewropew fit-8 ta' Frar 2013.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi fil-finanzjament*

- Il-proposta ma tipprevedi l-ebda kofinanzjament minn partijiet terzi
- Il-proposta/l-inizjattiva ttipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-miżuri tal-programm hija indikata fl-Artikoli 15 u 18 tal-abbozz tar-Regolament. F'dan l-istadju mhux possibbli li jiġi kkwantifikat l-ammont totali tal-kontribuzzjoni tal-partijiet terzi, minħabba li rati ta' kontribuzzjoni jvarjaw skont il-kundizzjonijiet definiti fl-Artikoli 15 u 18.

3.3. **Impatt stmat fuq id-dħul**

- Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq id-dħul mixxellanju

⁴⁹ COM (2011)500, 29.6.2011